MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Numru. 975/2004

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Raymond Gatt

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Raymond Gatt, detentur tal-karta ta' l-identita numru 124067(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat:

a) talli fl-10 ta' Ottubru, 2004 ghall-habta tad-18.30 hrs gewwa z-Zejtun saq il-vettura tal-marka Skoda Rapid bin-numru tar-registrazzjoni IAS 692 b'nuqqas ta' kont, bi traskragni jew b'mod iehor perikoluz meta kien fis-sakra bi ksur tal-Art 15 (1) (a) tal-Kap. 65 tar-regolamenti tat-traffiku;
b) ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkustanzi, gewwa l-ghassa taz-Zejtun attakka jew ghamel resistenza bi

vjolenza jew b’hebb ta’ xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghal esekuzzjoni tal-Ligi jew ordni pubblika moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti bi ksur tal-Art 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-uniformi ta’ PS 1386 A. Agius waqt il-qadi ta’ dmirijietu;
d) ukoll talli fl-istess jum u cirkustanzi, ghamel hsara involontarja fuq il-vettura tal-marka Toyota Cynos, liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin, izda mhux il-hames mitt lira ghad-dannu ta’ Mary Rose Bondin miz-Zejtun;
e) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Art 338 (dd) u Art 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien fis-sakra f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu, u saq il-vettura tal-marka Skoda bin-numru tar-registrazzjoni IAS 692 bi ksur tal-Art 338 (ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g) Ukoll talli hu ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Mag. Dr J. Padovani Grima datata 22/7/2002 Awla 3, Sentenza Awla I datata 11/12/96 u sentenza awla 2 datata 22/7/02 liema sentenzi kienu definittivi fl-imsemmija dati;
h) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija bi ksur tal-Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f’kas ta’ htija, barra l-piena stabbilita mil-ligi l-istess Raymond Gatt jigi skwalifikat milli jkollu jew jakkwista licenzja tas-sewqan u jigi applikat l-Artiklu 383 (1) ghas-sigurta tal-istess PS 1386 A. Agius;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, d-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju ta' din is-sena;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti issibu hati ta' l-istess imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65, l-Artikoli 1 (a) u 2 tal-Kap. 104, l-Artikoli 96, 338 (dd), 342, 338 (ff), 49, 50, 17, 31, 338 (ee), 383 u 325 (1) (b) tal-Kap. 9. Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena r-rapport illi sar dwar l-imputat minn Theresa Borg, social worker mal-agenzija Sedqa, fejn gie dikjarat illi wara li l-imputat kien gie ordnat mill-Qorti sabiex jirrikorri ghall-ghajnuna ta' l-agenzija Sedqa sabiex jindirizza l-problema li ghandu ta' l-abbuz tax-xorb, wara li sar assessment intensiv, deher bic-car illi ghalkemm l-imputat ghandu problema ta' xorb, mhijiex sa tali punt illi l-imputat jista jigi definit bhala persuna li hu dependenti fuq ix-xorb, izda gie rakkomandat lilu li ma jixrobx l-alcohol taht l-ebda cirkostanza. Illi ghalkemm fil-bidu l-imputat ma tantx wera motivazzjoni sabiex jircievi l-ghajnuna mis-servizzi ta' l-agenzija Sedqa, aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar giet osservata bidla konsiderevoli ghall-pozittiv da parti tal-imputat. Fejn qabel kien imur minghajr motivazzjoni ghall-counselling u l-gruppi, dan l-ahhar kien ikun motivat hafna aktar u sahansitra beda jitkellem ukoll dwar il-problemi socjali u anke dawk ta' sahha fizika u mentali. Fil-fatt, l-imputat wera interess li jiltaqa mat-tabib ta' l-agenzija sabiex dan jghinu ukoll mill-aspett mediku u ghadu izomm kuntatt regolari mieghu sal-prezent. Illi gie dikjarat ukoll illi l-imputat dejjem mexa skond il-pjan ta' kura li gie stabbilit f'Novembru 2004, tant illi attenda b'mod regolari ghall-laqghat tal-gruppi, kif ukoll ghal madwar ghaxar laqghat ta' counselling fuq bazi individwali. Fl-ahhar nett, l-imputat iddikjara ukoll illi kemm ilu fil-kuntatt mas-servizzi ta' l-agenzija Sedqa huwa ma xorobx aktar alcohol peress illi irrealizza kemm

kien qed jikkawzalu diffikultajiet fil-hajja personali tieghu, kemm mill-aspett legali kif ukoll minn dak ta' sahha fizika, u l-problemi socjali li igib mieghu. L-imputat dejjem deher konsistenti, skond Theresa Borg, kemm f'dak illi jghid, kif ukoll fl-imgieba tieghu.

Illi l-Qorti tara li f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx idoneja u ghalhekk, wara illi rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446, il-Qorti qeghda taghmel ordni ta' probation fil-konfront ta' l-imputat, ordni li tehtieg lill-hati li jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation illi jigi mahtur mid-Direttur responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati sabiex jiehu dik il-kura kollha illi ghandu bzonn sabiex ma jergax jaqa ghall-vizzju ta' l-alcohol, u dan skond id-direttivi illi jaghtih l-ufficjal tal-probation ghal dan il-ghan. Il-Qorti qeghda wkoll tiskwalifika lill-hati illi jzomm jew ikollu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bl-effett ta' l-ordni tal-probation u illi jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu ma din l-ordni jew li jaghmel reat iehor huwa jista jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tiddikjara li qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni lill-hati u lid-Direttur responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti qeghda torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta li PS 1386 A Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------